MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 932/2001/1

**TASIKA AUTO LIMITED**

**vs**

**Jason MIZZI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta’ Mejju, 2001, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet;

Illi bi skrittura privata tat-12 ta’ Lulju 1994, is-soċjeta’ attriċi biegħet lill-konvenut il-karozza Mercedes b’numru tar-reġistrazzjoni V2525 bil-prezz ta’ ħmistax-il elf u erba’ mitt Lira Maltija (Lm15,400), li kellhom jitħallsu kwantu għal ħamest elef Lira Maltija (Lm5,000) in forma ta’ tpartit ma’ karrozza Escort b’numru tar-reġistrazzjoni L8384; tlett elef Lira Maltija (Lm3,000) akkont fuq l-iskrittura; u l-bilanċ ta’ sebat elef u erba’ mitt Lira Maltija (Lm7,400) f’pagamenti mensili konvertiti f’sensiela ta’ kambjalijiet

skond kif jidher mill-istess skrittura, illi kopja tagħha tinsab hawn esebita bħala Dokument A;

Illi ftit wara li ġiet konsenjata il-vettura Escort da parti tal-konvenut, irriżulta illi l-prezz ta' din il-vettura kien għadu ma tħallasx mill-konvenut lil min kien biegħhielu; u peress illi fil-frattemp is-soċjeta' attriċi kienet biegħet din il-vettura lil terzi persuni hija kienet kostretta illi minn butha tħallas ammont ta' elf u ħames mitt Lira Maltija (Lm1,500) lill-awturi fit-titolu tal-konvenut sabiex tiġi liberata din l-Escort. Il-konvenut ma kienx f'pożizzjoni illi jħallas dan l-ammont lis-soċjeta' attriċi, u allura ġew redatti tlett kambjali oħra ta' ħames mitt Lira Maltija (Lm500) il-waħda; kambjali illi minkejja diversi promessi da parti tal-konvenut illi kien ser jonorahom, baqgħu sal-lum ma tħallsux. Dawn il-kambjali suppost illi tħallsu fil-31 ta' Jannar 1995; 28 ta' Frar 1995; u 31 ta' Marzu 1995, u qiegħed jintalab ukoll l-imgħax fuq l-ammont relattiv b'effett mid-data ta' meta saru dovuti il-kambjali sad-data tal-pagament effettiv.

Illi minħabba dawn id-diffikultajiet, is-soċjeta' attriċi baqgħet ma trasferietx ir-reġistrazzjoni tal-Mercedes għal fuq il-konvenut, u sabiex jiġi evitat illi l-konvenut ma jkunx jista' juża il-Mercedes, jew ikun kostrett jużaha illegalment , is-soċjeta' attriċi ħallset, dejjem minn butha , l-*insurance premiums* u *road licence* relattivi għall-istess Mercedes; u ċjoe' ħamsin Lira Maltija (Lm50) *road licence* li għalqet f'Settembru 1996; ħamsa u sebgħin Lira Maltija (Lm75) *road licence* f'Settembru 1997; u ħamsa u għoxrin Lira Maltija (Lm25) *insurance premium* fl-1 ta' Lulju 1996; u l-istess konvenut baqa' qatt ma irrifonda l-ammont ta' Lm150 minkejja illi għamel żmien iwiegħed il-ħlas;

Illi kemm il-Mercedes damet fil-pussess tal-konvenut, dan ħabat biha u kkaġunalha ħsarat, bejn *spare parts* u *panel beating*, ammontanti għal elf sitt mija u ħamsin Lira Maltija u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm1650.35); u meta, kif sejjer jiġi spjegat hawn taħt, is-soċjeta' attriċi ħadet il-pussess lura tal-vettura hija kellha tirripara dawn il-ħsarat minn butha, mingħajr qatt ma ġiet kumpensata mill-konvenut għall-ammont relattiv;

Illi ukoll kemm il-vettura damet fil-pussess tal-konvenut, dan ikkommetta diversi infrazzjonijiet tat-traffiku biha, u baqa' qatt ma ħallas il-multi relattivi, multi illi allura kienet kostretta tħallashom is-soċjeta' attriċi. Dawn il-multi ammontaw għal tmienja u sebgħin Lira Maltija u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm78.55) kif ġej: Lm5 imħallsa fit-30 ta' Mejju 1996 minħabba *parking* f'San Ġiljan; Lm30 imħallsa fis-26 ta' Ġunju 1996 minħabba liċenzja mhix rinnovata fil-Furjana; Lm2 imħallsa fis-7 ta' Novembru 1996; Lm5 fis-7 ta' Novembru 1996; Lm7.85 imħallsa dwar TOT numru 157127 dwar *parking* f'Kastilja fil-11 ta' Frar 1997; Lm7.85 dwar TOT 177912 ingombru f'Saint George's Road, San Ġiljan fit-13 ta' Frar 1997; Lm7 TOT 201270 ingombru u liċenzja mhix imwaħħla f'Wilga Street, San Ġiljan fit-23 ta' Frar 1997; Lm8 dwar dħul fil-Belt Valletta fil-25 ta' Frar 1997; u Lm7.85 multa imħallsa fit-3 ta' April 1997.

Illi l-konvenut dam juża il-vettura għal total ta' 1106 jum sakemm l-esponenti imbagħad irrimpussessat ruħha minnha (minħabba il-fatturi kollha fuq imsemmija u minħabba illi l-konvenut baqa' qatt ma ħallas il-kambjali bilanċjali tal-prezz stabbilit) u l-esponenti qegħda titlob ukoll illi tiġi rikumpensata għal dan l-użu. Hija tħoss illi rata ġusta, kunsiderando illi si trattava minn Mercedes, ma għandhiex tkun anqas minn għaxar Liri Maltin (Lm10) għal kull ġurnata.

Illi finalment, meta l-attriċi irrimpussessat ruħha mill-vettura hija kienet kostretta li tittowja il-vettura sa' Għawdex u għal dan l-iskop kellha tħallas ammont ta' ħamsa u tletin Lira Maltija (Lm35);

Illi l-konvenut qed issa jirrifjuta illi jħallas dan l-ammont;

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti, għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf u ħames mitt Lira Maltija (Lm1,500) rappreżentata fit-tlett kambjali eżebiti bħala

Dokumenti B,C u D, flimkien mal-interessi fuq l-ammont ta’ Lm500 valur ta’ kull kambjali b’effett mill-31 ta’ Jannar 1995; 28 ta’ Frar 1995; u 31 ta’ Marzu 1995 sad-data tal-effettiv pagament;

2. Tikkundannah iħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ Lm228.55 rappreżentanti rifużjoni tad-diversi ammonti imħallsa fl-interess tiegħek mis-soċjeta’ attriċi f’*road licences; insurances premiums* u multi konnessi mad-diversi infrazzjonijiet tat-trattifiku kif fuq spjegat bl-interessi legali fuq id-diversi ammonti b’effett mid-data ta’ meta kull ammont tħallas mis-soċjeta’ attriċi sad-data ta’ rifużjoni effettiva;

3. Tiddikjarah responsabbli fil-konfront tas-soċjeta’ attriċi għar-riparazzjoni tal-ħsarat kaġunati minnu fil-vettura Mercedes kemm din damet fil-pussess tiegħu;

4. Tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta’ Lm1650.55c;

5. Tikkundannah sabiex iħallas lis-soċjeta’ din is-somma kif likwidata;

6. Tiddikjara illi l-konvenut huwa tenut jħallas lis-soċjeta’ attriċi kumpens ġust u xieraq għall-użu da parti tiegħu tal-vettura kemm din damet fil-pussess tiegħu, u ċjoe’ għal 1106 (elf mija u sitt) jum wara t-12 ta’ Lulju 1994.

7. Tillikwida dan l-ammont;

8. Tikkundannah iħallas lis-soċjeta’ attriċi dan l-ammont kif likwidat.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tas-27 ta’ April 2001, u tal-mandat ta’ sekwestru preżentat kontestwalment, kontra tiegħu.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għalija minn issa huwa inġunt.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi flimkien mal-wieħed u għoxrin (21) dokument mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fl-20 ta' Settembru, 2001, li biha l-imħarrek eċċepixxa;

1. Fl-ewwel lok l-irritwalita' u n-nullita' ta' l-azzjoni tas-soċjeta' attriċi a tenur ta' l-Artikolu 907(2) tal-Kap. 12 peress illi s-soċjeta' attriċi naqset li tħallas lill-konvenut l-ispejjeż tal-kawża fl-istess ismijiet premessi, ċ-ċitazzjoni numru 66/2000PC, pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, ċeduta mis-soċjeta' attriċi fit-8 ta' Ġunju 2001;

2. Fit-tieni lok, l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti skond l-Artikolu 741 tal-Kap. 12 peress illi l-Qorti Kompetenti hija il-Qorti t'Għawdex;

3. Fit-tielet lok, ir-"res judicata" peress illi l-mertu tal-vertenza dwar il-Mercedes ġia' ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet "Jason Mizzi – vs – Tasika Auto Limited", iċ-ċitazzjoni numru 241/1998TMT, b'sentenza tas-27 ta' Marzu 2001 li għaddiet in ġudikat;

4. Fir-raba' lok, il-preskrizzjoni kwinkwennali skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 għar-rigward ta' l-ewwel, it-tieni, s-sitta, s-sebgħa u tmien talba attriċi; l-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-Artikolu 2149(e) tal-Kap. 16 għar-rigward tat-tieni talba attriċi; u l-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 għar-rigward tat-tielet, ir-raba' u l-ħames talba attriċi;

5. Finalment, fil-mertu u ukoll bla preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma nfondati, fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha peress illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet regolata bil-ftehim tat-12 ta' Lulju 1994 dwar bejgħ tal-karozza Mercedes in kwistjoni.

6. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-Liġi.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek, flimkien mal-ħames (5) dokumenti mehmużin magħha;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-imħarrek;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2003[1], li biha u għar-raġunijiet hemm mifissrin, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni mqanqla mill-imħarrek;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fl-4 ta' Frar, 2004[2], flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi waqt is-smigħ tat-18 ta' Mejju, 2004[3], li biha iddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq dwar it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek, u talbet li l-kawża titħalla għas-sentenza dwar dik l-eċċezzjoni, bil-fakulta' li l-partijiet iressqu noti ta' sottomissjonijiet;

Rat in-Nota ta' riferenza mressqa mill-imħarrek waqt is-smigħ tat-18 ta' Mejju, 2004[4], flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat illi l-kumpannija attriċi ngħatat żmien biex tressaq Nota ta' Sottomissjonijiet bi tweġiba għan-Nota mressqa mill-imħarrek, imma sallum baqgħet ma għamlet l-ebda għamla ta' sottomissjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tat-18 ta' Mejju, 2004, tat-28 ta' Ottubru, 2004, tal-14 ta' Diċembru, 2004, tat-13 ta' Jannar, 2005, tal-14 ta' April, 2005, u tad-19 ta' Mejju, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni dwar it-tieni eċċezzjoni;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġġ. 71 sa 82 tal-proċess
[2] Paġġ. 87 sa 95 tal-proċess
[3] Paġ. 96 tal-proċess
[4] Paġġ. 97 sa 102 tal-proċess

Illi l-kumpannija attriċi qegħda tfittex lill-imħarrek Jason Mizzi biex iħallasha għadd ta' somom ta' flus li hija tgħid li għandu jagħtiha dwar vettura lilu minnha mibjugħa għal matul iż-żmien li din damet f'idejh, sa ma reġgħet ittieħdet mill-kumpannija attriċi, u wkoll li jiġi meqjus responsabbli għall-ħsarat li seħħew fuq l-imsemmija vettura u li jħallasha d-danni li ġarrbet minħabba f'hekk;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa', fost l-oħrajn, b'għadd ta' eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, fosthom dik li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa tisma' din il-kawża, minħabba li hija l-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex li għandha tali setgħa;

Illi hija dwar din l-eċċezzjoni li qegħda tingħata din is-sentenza;

Illi l-fatti rilevanti li jirrigwardaw l-eċċezzjoni taħt eżami juru li, fl-1998, l-imħarrek kien fetaħ kawża kontra l-kumpannija attriċi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) biex jiġi dikjarat maħlul ftehim ta' bejgħ/tpartit ta' karozza li kien sar bejn il-partijiet f'Lulju tal-1994, u biex il-kumpannija trodd lura l-flus minnu minfuqin fil-ħlasijiet akkont tal-prezz u fl-ispejjeż għat-titjib li sar fil-karozza. Min-naħa tagħha, il-kumpannija attriċi fetħet kawża kontra l-imħarrek f'dik il-Qorti fil-11 t'April, 2000[5], għal tħassir tal-imsemmi ftehim, u dan minħabba nuqqas ta' twettiq tar-rabtiet u l-obbligi miftehma min-naħa tal-istess imħarrek. Il-kawża mibdija fl-1998 inqatgħet favur l-imħarrek tal-lum fis-27 ta' Marzu, 2001[6]. Fit-28 ta' Mejju, 2001, l-kumpannija attriċi ċediet, b'Nota mressqa fir-Reġistru, il-kawża li bdiet f'Għawdex kontra l-imħarrek u l-għada infetħet il-kawża preżenti, li tqegħdet għas-smigħ għad-9 t'Ottubru, 2001. Il-Qorti t'Għawdex waqfet milli tisma' iżjed il-kawża waqt is-smigħ tat-8 ta' Ġunju, 2001, wara li nqrat in-Nota ta' Ċessjoni. L-imħarrek laqa' kopja tal-atti u tal-Avviż tas-Smigħ ta' din il-kawża fit-2 ta' Settembru, 2001[7]. L-imħarrek twieled f'Londra u joqgħod in-Naxxar, Malta;

[5] Ċitazz. Nru. 66/00PC, Dok "JM1", f'paġġ. 32-4 tal-proċess
[6] Ċitazz. Nru. 241/98TMT, Dok "JM5" f'paġġ. 38 sa 42 tal-proċess (il-Qorti tinnota li jidher li l-kopja fiha parti nieqsa)
[7] Ara r-riferti f'paġġ. 26 *tergo* u 27 tal-proċess

Illi bħala konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami, l-imħarrek jgħid li l-azzjoni attriċi ma messhiex saret kontrih quddiem il-Qrati f'Malta. Huwa qiegħed jinvoka favurih il-jedd proċedurali magħruf bħala l-*privilegium fori*, kif maħsub fl-artikolu 741(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-liġi tagħmilha ċara[8] li l-imsemmi privileġġ huwa mogħti lil persuna li tgħix f'xi waħda mill-Gżejjer Maltin dwar il-Qorti li fiha jmisshom jitħarrku. Dan jidher li huwa b'ħarsien tal-prinċipju *actor sequitur forum rei.* Min-naħa l-oħra, l-liġi tgħid li persuna tista' tirrinunzja għall-imsemmi privileġġ proċedurali[9];

Illi f'dan il-każ, żgur li ma hemmx rinunzja għall-privileġġ, li l-imħarrek qiegħed jinvoka fuq il-fatt li l-obbligazzjoni li tifforma l-mertu tal-kawża kellha tiġi esegwita fil-gżira ta' Għawdex[10]. Mill-fatti li joħorġu mill-atti jirriżulta li n-negozju dwar il-bejgħ u x-xiri tal-karozza kien sar f'okkażjoni waħda fis-sede kummerċjali tal-kumpannija attriċi fir-Rabat, Għawdex. Il-karozza – tal-għamla Mercedes Benz Cotswold – kienet fil-pussess ta' wieħed Frankie Vella li jgħix San Pawl il-Baħar u kienet tinsab f'Malta meta sar in-negozju[11]. Jirriżulta li l-karozza qatt ma daret fuq isem l-imħarrek, imma, xi żmien wara li kien sar in-negozju, kienet ġiet fuq isem il-kumpannija attriċi u, aktar 'il quddiem, fuq isem Carmel Camilleri, wieħed mid-diretturi tal-istess kumpannija, kif jidher li għadha sal-lum;

Illi l-Qorti tinnota li **f'din** il-kawża, il-kumpannija attriċi qegħda tfittex lill-imħarrek għal ħlas ta' kambjali, għal rifużjoni ta' spejjeż minfuqin minnha dwar il-vettura tal-għamla Mercedes (kemm biex tissewwa wara li l-imħarrek ħabat biha, u kemm biex il-liċenza tagħha ma titħalliex tiskadi), u kif ukoll għad-danni mġarrbin minnha għaż-żmien kollu li l-vettura nżammet mill-imħarrek sakemm il-kumpannija attriċi reġgħet ħaditha lura f'idejha;

Illi jidher li l-imħarrek isejjes il-qawwa tal-argument dwar l-eċċezzjoni tiegħu taħt eżami fuq il-fatt li, fil-kawża li l-kumpannija attriċi kienet ressqet oriġinarjament kontrih fl-

---

[8] Art. 767 tal-Kap 12
[9] Art. 772 tal-Kap 12
[10] Art. 770 tal-Kap 12
[11] Xhieda tal-imħarrek fil-kawża 66/00PC 19.10.2000, f'paġ. 89 sa 92 tal-proċess

2000 (li mbagħad spiċċat ċedietha), il-Qorti ta' Għawdex kienet laħqet tat sentenza preliminari[12] li biha kienet ċaħdet eċċezzjoni tiegħu tal-*privilegium fori*. Għalhekk, huwa jtenni li, fid-dawl ta' **dik** is-sentenza, l-azzjoni tal-lum tabilfors li messha saret kontrih fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' Għawdex;

Illi l-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-imħarrek. Dan tgħidu għaliex in-natura tal-azzjoni attriċi li għandha quddiemha m'hijiex imsejsa fuq is-siwi tar-rabta kuntrattwali li seta' kien hemm bejn il-partijiet. Kemm hu hekk, parti mill-azzjoni attriċi hija mibnija fuq l-obbligazzjoni awtonoma maħluqa bil-kambjali aċċettati mill-imħarrek, u parti oħra fuq il-bażi ta' azzjoni ta' danni ta' għamla akwiljana. Huwa minnu li l-ħsarat imġarrbin allegati mill-kumpannija attriċi kienu rigward l-istess karozza li kienet l-oġġett tal-kuntratt li kien hemm bejn il-partijiet. Huwa minnu wkoll li wħud mill-premessi msemmija mill-kumpannija attriċi fl-att taċ-Ċitazzjoni jirreferu għall-imsemmi kuntratt. Iżda jibqa' l-fatt li dawk iċ-ċirkostanzi huma marġinali għall-bażi ġuridika tal-azzjoni li l-istess kumpannija għażlet li tibda kontra l-imħarrek;

Illi, minbarra dan, parti mill-azzjoni attriċi tirrigwarda ħlasijiet allegatament dovuti lill-kumpannija attriċi mill-imħarrek, bla ma hemm ftehim espressament fejn dan kellu jsir. Kemm hu hekk, meta l-imħarrek xehed fil-kawża li kienet inbdiet kontrih fil-Qorti ta' Għawdex, kien seħaq li l-arranġamenti tal-ħlas kien għamilhom f'Malta permezz ta' fergħa ta' bank f'Malta. Issa jekk wieħed japplika r-regoli tal-liġi dwar il-ħlas[13], ikollu jasal għall-konklużjoni li, fit-termini ta' dik il-parti tal-azzjoni attriċi, il-post fejn kellha titwettaq dik l-obbligazzjoni ma kien imkien ieħor għajr f'Malta[14];

Illi l-istess ħaġa tista' tingħad dwar il-parti l-oħra tal-azzjoni attriċi, jiġifieri dik immirata lejn ir-risarċiment dwar danni u ħsara mġarrba mill-kumpannija attriċi għaż-żmien

[12] Fl-1 ta' Frar, 2001, "Dok PC1", f'paġġ. 98 sa 102 tal-proċess
[13] Art. 1159(2) u (4) tal-Kap 16
[14] App.Kumm. **12.2.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt noe vs Grima*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.369**)

sakemm l-imħarrek żamm il-karozza f'idejh. L-iżjed ħaġa partikolari f'dan ir-rigward kienet li l-karozza kienet u baqgħet fil-pussess tal-iħarrek f'Malta u hawnhekk l-aktar li nżammet, sakemm ittieħdet bil-forza mingħandu mill-kumpannija mħarrka. Fuq kollox, il-kawżali prettament delittwali tat-tieni parti tal-azzjoni attriċi tagħmel il-post ta' fejn jgħix l-imħarrek bħala l-post fejn għandha titqies il-ġurisdizzjoni xierqa biex fiha jiġi mħarrek;

Illi, fl-aħħarnett għandu jingħad li l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex, ukoll fl-attribuzzjoni superjuri tagħha[15], hija kompetenza ġurisdizzjonali li hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li l-Qorti Ċivili ta' Malta tħaddan li tieħu qies tal-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali, u dawk il-kawżi l-oħrajn kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom[16]. Fi kliem ieħor, is-setgħa ġurisdizzjonali tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex bħala Qorti ta' Ġudikatura Ċivili tgħodd biss jekk il-kondizzjonijiet stabiliti mil-liġi jirriżultaw applikabbli għal każ li jkun[17]. Jidher li tnejn huma l-elementi li jirradikaw dik il-ġurisdizzjoni: l-ewwel waħda hija l-fatt tar-residenza ordinarja f'Għawdex tal-parti mħarrka; u t-tieni hija l-attribuzzjoni espressa tal-liġi li dik il-Qorti għandha tieħu qies ta' l-għamla ta' kawża li tkun. Fil-każ preżenti, il-Qorti hija tal-fehma li l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ ċirkostanzi ma tgħodd għall-kawża li għandha quddiemha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrek Jason Mizzi, bl-ispejjeż kontrih, billi mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla.

**Moqrija**

---

[15] Art. 50(2)(b) tal-Kap 12
[16] Art. 32(2) tal-Kap 12
[17] App.Kumm. **22.11.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina noe vs Dei Conti Stagno Navarra*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.661**)

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------